# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru erbgħa (4/2015) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar it-Tnejn 6 t' April 2015, fil-5.00pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Il-proġett fl-area tal-Ħlantun ġie nawgurat fit-30 ta' Marzu fejn attendew is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku taż-Żurrieq [ref punt 3.2]. Is-Sindku kkonferma li ż-żewġ kunsilli se jkollhom aċċess għall-kameras wara mistoqsija tal-kunsillier Pietru Pawl Busuttil. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi m'hemmx dawl lejn il-Ħlantun. Is-Sindku qal illi l-parti tat-triq li qed isemmi s-sur Abdilla ma taqax taħt il-proġett tal-MTA. Żied illi se jkun hemm 2 bozoz oħra. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi hemm bzonn ta' dawl fl-area.

3.2 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi l-isleeping police [ref punt 3.3] għadhom kif kienu. Żied illi kellha tkun prijorita tal-Kunsill u li daħħal l-ewwel ilment f'Ottubru 2014. Is-Sindku spjega li hemm ħaddiem tal-IPSL li huwa kapaċi jagħmel dan ix-xogħol u li hu, kif ukoll il-ħaddiem l-ieħor, kien għaddej b'iżjed proġetti, waqt illi dan it-tip ta' xogħol ma kienx possibli anqas bil-maltemp illi kien hemm fix-xitwa.

3.3 Is-Sindku qal illi l-problema tad-dawl fit-triq Carmelo Caruana ġiet solvuta wara l-aħħar laqgħa [ref punt 3.4]. Qal illi fil-futur, jekk il-persuna jerġa jirrepeti l-offensiva, se jibgħat il-pulizija.

3.4 Is-Sindku qal illi kien hemm ħafna mistoqsijiet fuq l-impjegati tal-Kunsill u tender partikolari, wara li sar diskors waqt house visits dwar nies ġodda li se jidħlu bħala impjegati tal-Kunsill wara l-elezzjonijiet [ref punt 3.6]. Hu kkundana dan id-diskors u żied illi f'kull sejħa għat-tenders ikun hemm talba għall-kondotta fis-sejħa u persuni li ġew jistaqsu dwar tender partikolari għandhom storja mal-awtoritajiet.

3.5 Is-Sindku kkonferma li l-kuntrattur tal-Bulky Refuse qed jimxi aħjar issa li qed jagħti s-servizz tiegħu kull nhar ta' Sibt [ref punt 5.1].

3.6 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi l-proġetti saru kollha lejn l-aħħar [ref punt 6 tal-Aġenda]. Is-Sindku ma qabilx u żied illi kollha bdew, u tħallsu waqt il-leġislatura tiegħu u li dawn ix-xogħolijiet saru kollha meta l-Kunsill ħallas inqas mill-istimi tagħhom. Is-Sindku żied illi l-ATM se tiċċaqlaq sal-Ġimgħa 11 t'April [ref punt 6.3]. Il-kunsillier Publius Abdilla kkumenta fuq il-proġett tal-awdjovisual [ref punt 6.5] fejn qal illi kien hemm ħafna kummenti sbieħ. Is-Sindku qal illi għandna nkunu kburin li bħala Kunsill żgħir irnexxilna nagħmlu dan it-tip ta' proġett. Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi qegħdin jagħmlu l-awdjo bl-Ingliz u li l-proġett dalwaqt ikun lest.

3.7 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi r-reenactment kienet tajba [ref punt 8.2]. Is-Sindku rringrazzja lill-Kumitat, il-barman tal-Każin San Pawl, u l-Każin PN għall-għajnuna tagħhom.

**4. Payment Approval Sheet**

4.1 Il-Viċi Sindku Johan Mula staqsa dwar il-pagament dovut lil Allsec. Dan huwa għas-sistema l-ġdida ta' kameras li inxtraw.

4.2 Il-Payment Approval Sheet ġie approvat u ffirmat.

**5. Jum Ħal Safi**

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċievu 2 kwotazzjonijiet għall-catering għall-Jum Ħal Safi. L-irħas wieħed s'issa kien ta' Neriku. Fil-ġranet, jekk jaslu kwotazzjonijiet oħra, se jibgħat lill-kunsilliera għall-opinjonijiet tagħhom.

**6. Ħwejjeġ Oħra**

**Is-Sindku**

6.1 Ma kellu l-ebda punt għall-Ħwejjeġ Oħra

**Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil**

6.2 Qal illi saru ħafna affarijiet mingħajr il-kunsens tal-Kunsill. Is-Sindku rrisponda li sab ħafna tfixkil għall-proġetti u li kieku ma kien isir xejn, punt illi l-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ma qabilx miegħu. L-istess kunsillier qal illi kemm il-darba ġie offrut l-għajnuna għal dawn il-proġetti. Żied ukoll illi fil-leġislatura li jmiss, ikun min ikun is-Sindku, mhux se jaċċetta dawn l-affarijiet li jsiru mingħajr kunsens.

6.3 Qal illi fil-Ġimgħa l-Kbira ma kien hemm l-ebda bandiera barra l-Kunsill.

6.4 Ilmenta illi persuna mill-Kunsill mar jagħti l-Minuti ta' laqgħa partikolari fejn kien hemm miktub illi hu kien kontra ċ-ċaqliq tal-ATM. Is-Sindku qal illi hu ta dokumenti tiegħu lil persuna u mhux Minuti, biex

juri l-verita fuq il-kaz wara li l-kap tal-Oppozizzjoni mar għand dan il-persuna biex jgħid kontra dak illi kien ġara fil-passat. Hu ried juri l-verita bil-provi biss. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi l-Minuti huma aċċessibli għaċ-ċittadini online xorta waħda.

Il-kunsillier staqsa x'qal il-kap tal-Opozzizjoni lil dan il-persuna. Is-Sindku qal illi ma kienx fuq il-post magħhom izda kien hemm diskors illi hu, is-Sindku. ma kienx miexi fuq dak illi qal illi se jagħmel u ried juri li dan kien paroli żejjed.

Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil fakkar illi hu kien kontra l-post il-ġdid tal-ATM u mhux kontra ċ-ċaqliq wara li ntqal diskors illi kien kontra ċ-ċaqliq,

**Il-Viċi Sindku Johan Mula**

6.5 Qal illi hemm żurżieqa tal-bandli maqlugħa.

7. **Laqgħa li jmiss**

7.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.40pm.

7.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir fit-28 t'April 2015.

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Francis Callus | Anthony Attard |